GRUPP TA’ ĦIDMA TAL-ARTIKOLU 29 DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA

**14/EN**
**WP 225**

# LINJI GWIDA DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAS-SENTENZA TAL-UNJONI EWROPEA DWAR “GOOGLE SPAIN U INC V. AGENCIA ESPAÑOLA DE PROTECCIÓN DE DATOS (AEPD) AND MARIO COSTEJA GONZÁLEZ” C-131/12

**Adottata fis-26 ta' Novembru 2014**

Dan il-Grupp ta’ Ħidma twaqqaf taħt l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE. Huwa grupp konsultattiv Ewropew indipendenti dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza. Il-kompiti tiegħu huma deskritti fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/KE.

Is-segretarjat huwa pprovdut mid-Direttorat C (Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza tal-Unjoni) tal-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali Ġustizzja, B-1049 Brussell, il-Belġju, Uffiċċju Nru MO-59 02/013.

Sit web: http://ec.europa.eu/justice/data-protection/index_mt.htm

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

### 1. Magni tat-tiftix bħala kontrolluri tad-dejta

Id-deċiżjoni tirrikonoxxi li operaturi tal-magni tat-tiftix jipproċessaw dejta personali u jikkwalifikaw bħala kontrolluri tad-dejta skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE. L-ipproċessar ta' dejta personali mwettaq fil-kuntest tal-attività ta' magna tat-tiftix irid ikun differenti minndak imwettaq minn pubblikaturi ta' siti web ta' partijiet terzi kif ukoll jiżdied miegħu.

### 2. Bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali u interessi

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: il-Qorti, QtĠUE), "fid-dawl tal-potenzjal tal-gravità tal-impatt ta' dan l-ipproċessar fuq id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, id-drittijiet tas-suġġett tad-dejta jieħdu preċedenza, bħala regola ġenerali, fuq l-interess ekonomiku tal-magna tat-tiftix u tal-utenti tal-internet li jkollhom aċċess għall-informazzjoni personali permezz ta' magna tat-tiftix". Madankollu, għandu jsir bilanċ ta' drittijiet u interessi rilevanti u l-eżitu jista' jiddependi fuq it-tip u s-sensittività tad-dejta pproċessata u dwar l-interess tal-pubbliku li jkollhom aċċess għal dik l-informazzjoni partikolari. L-interess tal-pubbliku se jkun ħafna ikbar jekk is-suġġett tad-dejta jkollu rwol fil-ħajja pubblika.

### 3. Impatt limitat tat-tneħħija minn lista fuq l-aċċess għall-informazzjoni

Fil-prattika, l-impatt ta' tneħħija minn lista fuq id-drittijiet tal-individwi għal-libertà ta' espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni se jkun limitat ħafna. Meta tkun qed tivvaluta ċ-ċirkostanzi rilevanti, l-Awtoritajiet Ewropej tal-Protezzjoni tad-Dejta (minn hawn 'il quddiem: l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta), b'mod sistematiku, se jqisu l-interess tal-pubbliku biex ikollhom aċċess għall-informazzjoni. Jekk l-interess pubbliku jipprevali fuq id-drittijiet tas-suġġett tad-dejta, it-tneħħija minn lista mhux se tkun xierqa.

### 4. L-ebda informazzjoni ma hija mħassra mis-sors oriġinali

Is-sentenza tiddikjara li d-dritt jaffettwa biss ir-riżultati miksuba minn tfittxijiet li jsiru abbażi ta' isem ta' persuna u ma jeħtieġx it-tneħħija għal kollox tal-link mill-indiċijiet tal-magna tat-tiftix . Jiġifieri, l-informazzjoni oriġinali se tibqa' aċċessibbli bl-użu ta' termini ta' tiftix, jew permezz ta' aċċess dirett għas-sors oriġinali tal-pubblikatur.

### 5. L-ebda obbligu għas-suġġetti tad-dejta biex jikkuntattjaw is-sit web oriġinali

L-individwi mhumiex obbligati jikkuntattjaw is-sit web oriġinali sabiex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom rigward il-magni tat-tiftix. Il-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta tapplika għall-attività ta' magna tat-tiftix li taġixxi bħala kontrollur. Għalhekk, is-suġġetti tad-dejta jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE u, aktar speċifikament, tal-liġijiet nazzjonali li jimplimentawha.

**6. Id-dritt tas-suġġetti tad-dejta li jitolbu għal tneħħija minn lista**

Skont il-liġi tal-UE, kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta. Fil-prattika, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se jiffokaw fuq talbiet fejn hemm rabta ċara bejn is-suġġett tad-dejta u l-UE, pereżempju fejn is-suġġett tad-dejta huwa ċittadin jew resident ta' Stat Membru tal-UE.

**7. Effett territorjali ta' deċiżjoni ta' tneħħija minn lista?**

Sabiex jingħata effett sħiħ tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta kif definit fid-deċiżjoni tal-Qorti, deċiżjonijiet ta' tneħħija minn lista jridu jiġu implimentati b'tali mod li jiggarantixxu protezzjoni sħiħa u effettiva tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta u li l-liġi tal-UE ma tistax tiġi evitata. F'dak is-sens, il-limitazzjoni ta' tneħħija minn lista minn oqsma tal-UE minħabba li l-utenti għandhom it-tendenza li jkollhom aċċess għal magni tat-tiftix permezz tal-oqsma nazzjonali tagħhom ma tistax titqies bħala mezz biżżejjed biex b'mod sodisfaċenti jiggarantixxi d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta skont id-deċiżjoni. Fil-prattika, dan ifisser li f'kull każ it-tneħħija minn lista għandha tkun effettiva wkoll fl-oqsma rilevanti kollha, inkluż .com.

**8. Informazzjoni lill-pubbliku dwar it-tneħħija minn lista ta' links speċifiċi**

Il-prattika li l-utenti ta' magni tat-tiftix jiġu mgħarrfa li l-lista tar-riżultati għall-mistoqsijiet tagħhom ma tkunx kompluta b'konsegwenza li l-applikazzjoni Ewropea tal--protezzjoni tad-dejta ma hija bbażata fuq l-ebda rekwiżit ġuridiku skont ir-regoli ta' protezzjoni tad-dejta. Tali prattika tkun aċċettabbli biss jekk l-informazzjoni tiġi ppreżentata b'tali mod li l-utenti ma jistgħux, f'kull każ, jikkonkludu li individwu wieħed partikolari talab għat-tneħħija minn lista ta' riżultati li jikkonċernaw lilu jew lilha.

**9. Komunikazzjoni mal-edituri tas-sit web dwar it-tneħħija minn lista ta' links speċifiċi**

Il-magni tat-tiftix ma għandhomx bħala prattika ġenerali jinformaw lill-webmasters tal-paġni affettwati minn tneħħija minn lista bil-fatt li xi siti web huma mingħajr aċċess mill-magna ta' tfittxija bi tweġiba għad-domanda ibbażata fuq isem speċifiku. Ma hemm l-ebda bażi ġuridiku għal tali komunikazzjoni regolari skont il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta.

F'xi każijiet, magni tat-tiftix jistgħu jkunu jridu jikkuntattjaw lill-editur oriġinatur fir-rigward ta' talba partikolari qabel kwalunkwe deċiżjoni ta' tneħħija minn lista, sabiex tinkiseb informazzjoni addizzjonali għall-valutazzjoni taċ-ċirkostanzi ta' dik it-talba.

B'kont meħud tar-rwol importanti li għandhom il-magni tat-tiftix fl-iżvolġiment għat-tixrid u l-aċċessibbiltà ta' informazzjoni ppubblikata fuq l-internet u l-aspettattivi leġittimi li webmasters jista' jkollhom rigward l-indiċjar u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-utenti, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29 (minn hawn 'il quddiem: il-Grupp ta' Ħidma) jinkoraġġixxi bil-qawwa li l-magni tat-tiftix jipprovdu l-kriterji ta' tneħħija minn lista li jużaw, u biex jagħmlu aktar statistika dettaljata disponibbli.

**WERREJ**

**PARTI I: L-interpretazzjoni tas-sentenza tal-QtĠUE ........................................................ 5**

A. Magni tat-tiftix bħala kontrolluri u bażi ġuridika ........................................................................... 5

B. Eżerċitar tad-drittijiet ......................................................................................................................... 6

C. Kamp ta' applikazzjoni ........................................................................................................................ 8

D. Komunikazzjoni ma' partijiet terzi .................................................................................................. 10

E. Ir-Rwol tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta ......................................................................... 12

**PART II: List of common criteria for the handling of complaints by European data protection authorities ................................................................** Error! Bookmark not defined.

**PARTI I: L-interpretazzjoni tas-sentenza tal-QtĠUE**

Dan id-dokument huwa mfassal biex jipprovdi informazzjoni dwar kif l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta stabbiliti fil-Grupp ta' Ħidma beħsiebhom jimplimentaw is-sentenza tal-QtĠUE fil-każ ta' "Google Spain SL u Google Inc. vs Agencia Española de Protección de Datos (AEPD), Mario Costeja González" (C-131/12). Jinkludi wkoll il-lista ta' kriterji komuni li l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se japplikaw biex jimmaniġġjaw l-ilmenti, fuq bażi ta' każ b'każ, ippreżentati quddiem l-uffiċċji nazzjonali tagħhom wara rifjut ta' tneħħija minn lista permezz ta' magni tat-tiftix. Il-lista ta' kriterji għandha titqies bħala għodda tax-xogħol flessibbli li għandha l-għan li tgħin l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta matul il-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Il-kriterji se jkunu applikati skont il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali rilevanti. L-ebda kriterju uniku ma huwa, fih innifsu, determinanti. Il-lista ta' kriterji mhijiex eżawrjenti u se tevolvi maż-żmien, filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta.

***A. Magni tat-tiftix bħala kontrolluri u bażi ġuridika***

1. Id-deċiżjoni tirrikonoxxi li operaturi tal-magni tat-tiftix jipproċessaw id-dejta personali u jagħmlu dan bħala kontrolluri skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE (§ § 27, 28 u 33).

2. L-ipproċessar ta' dejta personali mwettaq fil-kuntest tal-attività tal-magna tat-tiftix jista' jiġi distint minn u hu addizzjonali għal dak imwettaq minn pubblikaturi ta' siti web, li jikkonsisti fit-tqegħid tad-dejta fuq paġna tal-internet (§ 35).

3. Il-bażi ġuridika għal dak l-ipproċessar skont id-Direttiva tal-UE tinsab fl-Artikolu 7(f), il-ħtieġa għal interess leġittimu tal-kontrollur jew partijiet terzi li lilhom tiġi żvelata d-dejta (§ 73).

4. L-ipproċessar imwettaq mill-operatur ta' magna tat-tiftix x'aktarx li jaffettwa b'mod sinifikanti d-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-dejta personali meta t-tiftixa permezz ta' dik il-magna titwettaq abbażi ta' isem ta' individwu, peress li l-ipproċessar jippermetti lil kull utent tal-internet biex permezz tal-lista tar-riżultati jikseb ħarsa ġenerali strutturata tal-informazzjoni relatata ma' dak l-individwu li tista' tinstab fuq l-internet — informazzjoni li potenzjalment tikkonċerna għadd kbir ta' aspetti tal-ħajja privata tiegħu u li, mingħajr magna tat-tiftix, ma setgħetx tiġi interkonnessa jew setgħet b'diffikultà kbira biss, u b'hekk jiġi stabbilit profil ftit jew wisq dettaljat tiegħu. Barra minn hekk, l-effett tal-interferenza ma' dawn id-drittijiet tas-suġġett tad-dejta jiżdied minħabba r-rwol importanti tal-internet u l-magni tat-tiftix fis-soċjetà moderna, li jagħtu l-informazzjoni li tinsab f'tali lista ta' riżultati minn kullimkien (§ 80).

5. Fir-rigward tal-bilanċ tal-interessi li jistgħu jilleġittimaw l-ipproċessar imwettaq mill-magna tat-tiftix, skont id-deċiżjoni, id-drittijiet tas-suġġett tad-dejta jieħdu preċedenza, bħala regola ġenerali, fuq l-interess ekonomiku tal-magna tat-tiftix, fid-dawl tal-gravità potenzjali tal-impatt ta' dan l-ipproċessar fuq id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Dawn id-drittijiet ġeneralment jieħdu preċedenza fuq id-drittijiet tal-utenti tal-internet li jkollhom aċċess għall-informazzjoni personali permezz tal-magna tat-tiftix f'tiftixa

abbażi ta’ isem tas-suġġett tad-dejta. Madankollu, għandu jinstab bilanċ bejn id-drittijiet u l-interessi differenti u l-eżitu jista’ jiddependi fuq it-tip u s-sensittività tad-dejta pproċessata u dwar l-interess tal-pubbliku li jkollu aċċess għal dik l-informazzjoni partikolari min-naħa l-oħra, interess li jista’ jvarja, b’mod partikolari, mir-rwol tas-suġġett tad-dejta fil-ħajja pubblika (§ 81).

6. Is-suġġetti tad-dejta għandhom id-dritt li jitolbu u, jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Artikoli 12 u 14 tad-Direttiva 95/46/KE jiġu ssodisfati, biex tinkiseb it-tneħħija minn lista ta’ links għal paġni web ippubblikati minn partijiet terzi li fihom l-informazzjoni relatata magħhom mil-lista ta’ riżultati li jidhru wara tiftixa li saret abbażi ta’ isem ta’ persuna.

7. Il-bażijiet ġuridiċi rispettivi ta’ pubblikaturi oriġinali u l-magni tat-tiftix huma differenti. Il-magna tat-tiftix għandha twettaq il-valutazzjoni tal-elementi differenti (l-interess pubbliku, ir-rilevanza pubblika, in-natura tad-dejta, ir-rilevanza attwali...) abbażi tar-raġuni ġuridika tagħha stess, li tirriżulta mill-interess ekonomiku tagħha stess u dik tal-utenti li jkollhom aċċess għall-informazzjoni permezz ta’ magni tat-tiftix u l-użu ta’ isem bħala termini ta’ tfittxija. Anki meta publikazzjoni (kontinwa) mill-pubblikaturi oriġinali hija ġuridika, it-tixrid universali u l-aċċessibbiltà ta’ dik l-informazzjoni permezz ta’ magna tat-tiftix, flimkien ma’ dejta oħra relatata mal-istess individwu, jista’ jkun illegali minħabba l-impatt sproporzjonat fuq il-privatezza.

Id-deċiżjoni ma għandhiex tobbliga lil magni tat-tiftix li jwettqu din il-valutazzjoni, fid-dawl tal-informazzjoni kollha li jipproċessaw, iżda biss meta jkollhom jirrispondu għal talbiet tas-suġġetti tad-dejta fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom.

8. L-interess ta’ magni tat-tiftix fl-ipproċessar tad-dejta personali huwa wieħed ekonomiku. Iżda hemm ukoll interess tal-utenti tal-internet li jirċievu informazzjoni bl-użu ta’ magni tat-tiftix. F’dak is-sens, id-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni, mifhum bħala “il-libertà li wieħed jirċievi u jaqsam informazzjoni u ideat” fl-Artikolu 11 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi kkunsidrat fl-evalwazzjoni tat-talbiet tas-suġġetti tad-dejta.

9. L-impatt tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-individwi fuq il-libertà ta’ espressjoni tal-pubblikaturi oriġinali u l-utenti ġeneralment se jkun limitat ħafna. Il-magni tat-tiftix iridu jikkunsidraw l-interess tal-pubbliku rigward li jkollhom aċċess għall-informazzjoni fil-valutazzjoni tagħhom taċ-ċirkostanzi ta’ kull talba. Ir-riżultati ma għandhomx jitneħħew minn lista jekk l-interess tal-pubbliku li jkollu aċċess għal dak it-tagħrif jipprevali. Iżda anke meta tiftixa partikolari titneħħa minn lista, il-kontenut fis-sit web sors għadu disponibbli u l-informazzjoni tista’ tibqa’ aċċessibbli permezz ta’ magna tat-tiftix bl-użu ta’ termini ta' tfittxija oħra.

### *B. Eżerċitar tad-drittijiet*

10. Il-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta tapplika għall-attività ta’ magna tat-tiftix li taġixxi bħala kontrollur. Għalhekk, is-suġġetti tad-dejta għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b’mod konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE u, aktar speċifikament, tal-liġijiet nazzjonali li jimplimentawha.

11. L-individwi mhumiex obbligati jikkuntattjaw is-sit oriġinali, jew qabel jew simultanjament, sabiex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom rigward il-magni tat-tiftix. Hemm żewġ operazzjonijiet ta' pproċessar differenti, b' raġunijiet ta' leġittimità differenzjati kif ukoll b'impatti differenti fuq id-drittijiet u l-interessi individwali. L-individwu jista' jikkunsidra li huwa aħjar, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, li l-ewwel jikkuntattja lill-webmaster oriġinali biex jitlob it-tħassir ta' informazzjoni jew l-applikazzjoni tal-protokolli "l-ebda indiċi", iżda s-sentenza ma tirrikjedix dan.

12. Għall-istess raġuni, individwu jista' jagħżel kif jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu jew tagħha fir-rigward ta' magni tat-tiftix billi jagħżel wieħed jew bosta minnhom. Billi tagħmel talba lil wieħed jew bosta magni tat-tiftix, l-individwu qed jagħmel valutazzjoni tal-impatt tal-apparenza tal-informazzjoni kuntrarja f'waħda jew bosta magni tat-tiftix u, konsegwentement, jagħmel deċiżjoni dwar ir-rimedji li jista' jkun biżżejjed biex inaqqsu jew jeliminaw dak l-impatt.

13. Filwaqt li d-Direttiva 95/46/KE ma tinkludix dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-mezzi għall-eżerċizzju ta' drittijiet, il-maġġoranza tal-liġijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta jipprovdu għal flessibbiltà kbira f'dan ir-rigward u joffru lis-suġġetti tad-dejta l-possibbiltà li jippreżentaw it-talbiet tagħhom b'diversi modi, irrispettivament mill-fatt li l-kontrollur jista' jkollu proċeduri stabbiliti "*ad hoc*".

Konsegwentement, u bħala l-aħjar prattika li tkun konformi mar-rekwiżiti ġuridiċi kollha possibbli fl-Istati Membri kollha tal-UE, is-suġġetti tad-dejta għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ma' operaturi tal-magni tat-tiftix bl-użu ta' kull mezz adegwat. Għalkemm l-użu ta' mekkaniżmi speċifiċi li jistgħu jiġu żviluppati permezz ta' magni tat-tiftix, jiġifieri l-proċeduri onlajn u l-formoli elettroniċi, jista' jkollhom vantaġġi u jkunu rakkomandabbli minħabba l-konvenjenza tagħhom, ma għandux ikun il-mod esklussiv għas-suġġetti tad-dejta biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

14. Għall-istess raġunijiet, il-magni tat-tiftix għandhom isegwu l-liġijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta fir-rigward tar-rekwiżiti biex issir talba u għal perjodi ta' żmien u l-kontenut tat-tweġibiet. B'mod partikolari, meta s-suġġett tad-dejta jitlob it-tneħħija minn lista ta' xi links, xi forma ta' identifikazzjoni tista' tkun mitluba mill-kontrollur tad-dejta, iżda, għal darb'oħra, f'konformità ma' dak li l-liġijiet nazzjonali jqisu neċessarju u proporzjonat sabiex tiġi vverifikata l-identità tal-applikant fil-kuntest tat-talba. Meta l-kontrollur jiġbor informazzjoni ta' identifikazzjoni, għandu jkun hemm fis-seħħ salvagwardji adegwati.

Sabiex il-magna tat-tiftix tkun tista' tagħmel il-valutazzjoni meħtieġa taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, is-suġġetti tad-dejta jridu jispjegaw biżżejjed ir-raġunijiet għal talba għat-tneħħija minn lista, jippreċiżaw il-URLs u jindikaw jekk huma jissodisfawx ir-rwol fil-ħajja pubblika, jew le.

15 Meta magna tat-tiftix tiċħad talba għat-tħassir minn lista, hija għandha tipprovdi spjegazzjoni suffiċjenti lis-suġġett tad-dejta dwar ir-raġunijiet għar-rifjut. Għandha wkoll tgħarraf lis-suġġetti tad-dejta li huma jistgħu jirrikorru għand id-DPA jew il-qorti jekk ma

jkunux sodisfatti bit-tweġiba. Tali spjegazzjonijiet għandhom ukoll jiġu pprovduti mis-suġġetti tad-dejta lid-DPA, fil-każ li jiddeċiedu li jirreferu għaliha.

16. Id-deċiżjoni tqis li s-sussidjarji nazzjonali ta' Google fl-UE huma stabbilimenti tal-kumpanija u li l-ipproċessar tad-dejta personali tal-Google fil-magna tat-tiftix jitwettaq fil-kuntest ta' attivitajiet ta' dawn l-istabbilimenti li jagħmlu r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta applikabbli.

Id-Direttiva 95/46/KE ma tinkludix dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-responsabbiltà ta' stabbilimenti tal-kontrollur li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri. L-unika referenza hija fl-Artikolu 4.1.a, li tgħid li "meta l-istess kontrollur ikun stabbilit fit-territorju ta' bosta Stati Membri, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li kull wieħed minn dawk l-istabbilimenti jkunu konformi mal-obbligazzjonijiet meħtieġa mil-liġi nazzjonali li tkun applikabbli". Din id-dispożizzjoni hija sa ċertu punt ikkjarifikata mill-Premessa 19: "meta kontrollur wieħed ikun stabbilit fit-territorju ta' diversi Stati Membri, partikolarment permezz ta' sussidjarji, huwa għandu jiżgura, sabiex ma jkunux evitati xi regoli nazzjonali, li kull stabbiliment jissodisfa l-obbligazzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jkunu japplikaw għall-attivitajiet tiegħu;".

L-applikazzjoni effettiva ta' din id-deċiżjoni u tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta teħtieġ li s-suġġetti tad-dejta jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' sussidjarji nazzjonali ta' magni tat-tiftix fl-Istati Membri ta' residenza rispettivi tagħhom, kif ukoll li l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta jistgħu jikkuntattjaw is-sussidjarji nazzjonali rispettivi tagħhom fir-rigward ta' talbiet jew ilmenti mressqa mis-suġġetti tad-dejta.

Dawn is-sussidjarji huma ovvjament ħielsa li jsegwu proċeduri interni biex jittrattaw it-talbiet, jew direttament jew billi jibagħtu t-talbiet lilstabbilimenti oħra tal-kumpanija. Jista' jkun ukoll raġonevoli li wieħed jistenna li bħala l-ewwel reazzjoni jagħtu pariri lis-suġġetti tad-dejta għall-użu tal-proċeduri "*ad hoc*", żviluppati mill-kumpanija u l-formoli elettroniċi korrispondenti. Iżda jekk is-suġġett tad-dejta jinsisti li jikkuntattja s-sussidjarja nazzjonali, għandhom jiċħdu t-talba.

### *C. Kamp ta' applikazzjoni*

17. Id-deċiżjoni hija indirizzata speċifikament għal magni tat-tiftix ġeneralisti, iżda dan ma jfissirx li ma tistax tiġi applikata għal intermedjarji oħrajn. Id-drittijiet jistgħu jiġu eżerċitati meta l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-deċiżjoni jiġu ssodisfati.

18. Il-magni tat-tiftix inklużi f'paġni web ma jipproduċux l-istess effetti bħal magni tat-tiftix "esterni". Minn naħa, huma jirkupraw biss l-informazzjoni li tinsab fuq paġni web speċifiċi. Min-naħa l-oħra, u anke jekk l-utent jistenna għall-istess persuna f'għadd ta' paġni web, magni tat-tiftix interni mhux se jistabbilixxu l-profil komplet tal-individwu affettwat u r-riżultati mhux se jkollhom impatt serju fuqu, għalhekk, bħala regola, id-dritt għal tneħħija minn lista ma għandux japplika għal magni tat-tiftix b'kamp ta' azzjoni ristrett, partikolarment fil-każ ta' għodod ta' tiftix ta' paġni web ta' gazzetti.

19. L-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li d-deċiżjoni tirreferi biċ-ċar f'għadd ta' paragrafi, jirrikonoxxi d-dritt għal protezzjoni tad-dejta għal "kulħadd". Fil-prattika, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se jiffokaw fuq talbiet fejn hemm rabta ċara bejn is-suġġett tad-dejta u l-UE, pereżempju fejn is-suġġett tad-dejta huwa ċittadin jew resident ta' Stat Membru tal-UE.

20. Kif iddikjarat mill-Qorti, tapplika l-liġi tal-UE, u d-deċiżjoni trid tiġi implimentata fir-rigward tal-operazzjoni tal-ipproċessar li tikkonsisti fit-"tisjib ta' informazzjoni ppubblikata jew imqiegħda fuq l-internet minn terzi, fl-elenkar b'mod awtomatiku ta' din l-informazzjoni f'indiċi, fil-ħażna temporanja ta' din l-informazzjoni u, fl-aħħar nett, fit-tqegħid ta' din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-utenti tal-internet skont ordni ta' preferenza partikolari"

Il-QtĠUE ssostni li "l-Artikolu 12(b) u s-subparagrafu (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sabiex jikkonformaw mad-drittijiet stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet u sakemm il-kundizzjonijiet previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet jiġu ssodisfati, l-operatur tal-magna tat-tiftix huwa obbligat li jneħħi mil-lista ta' riżultati li jidhru wara tfittxija fuq il-bażi tal-isem ta' persuna, links għal paġni tal-internet ippubblikati minn partijiet terzi u li jinkludu informazzjoni dwar dik il-persuna".

Fl-aħħar nett, din il-Qorti tippreċiża wkoll li "l-operatur tal-magna tat-tiftix bħala l-persuna li tiddetermina l-finijiet u l-mezzi ta' din l-attività trid tiżgura, fil-qafas tar-responsabbiltajiet tagħha, setgħat u kapaċitajiet, li l-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE bil-għan li l-garanziji previsti minn din id-Direttiva jistgħu jkollhom effett sħiħ u li l-protezzjoni effettiva u sħiħa tas-suġġetti tad-dejta, b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza, tista' fil-fatt tintlaħaq."

Id-deċiżjoni tistabbilixxi għalhekk obbligu ta' riżultati li jaffettwa l-operazzjoni tal-ipproċessar kollha mwettqa mill-magna tat-tiftix. L-implimentazzjoni adegwata tad-deċiżjoni trid tkun magħmula b'tali mod li s-suġġetti tad-dejta jkunu protetti b'mod effettiv kontra l-impatt ta' tixrid u aċċess universali ta' informazzjoni personali offruti permezz ta' magni tat-tiftix meta t-tfittxijiet isiru fuq il-bażi tal-isem ta' individwi.

Għalkemm soluzzjonijiet konkreti jistgħu jvarjaw skont l-organizzazzjoni interna u l-istruttura ta' magni tat-tiftix, id-deċiżjonijiet għat-tneħħija minn lista jridu jkunu implimentati b'mod li jiggarantixxu protezzjoni sħiħa u effettiva ta' dawn id-drittijiet u li l-liġi tal-UE ma tistax tiġi faċilment evitata. F'dak is-sens, il-limitazzjoni ta' tneħħija minn lista minn oqsma tal-UE minħabba li l-utenti għandhom it-tendenza li jkollhom aċċess għal magni tat-tiftix permezz tal-oqsma nazzjonali tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala mezz suffiċjenti biex b'mod sodisfaċenti jiggarantixxu d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta skont is-sentenza. Fil-prattika, dan ifisser li f'kull każ it-tneħħija minn lista għandha tkun effettiva fl-oqsma rilevanti kollha, inkluż .com.

21. Minn perspettiva materjali, u kif ġie diġà indikat, id-deċiżjoni tindika espressament li d-dritt jaffettwa biss ir-riżultati miksuba dwar it-tfittxijiet magħmula minn isem tal-individwu u qatt ma tissuġġerixxi li t-tneħħija kompleta ta' paġna mill-indiċijiet tal-magna tat-tiftix hi meħtieġa. Din il-paġna għandha tkun aċċessibbli permezz ta' kwalunkwe termini oħra ta'

tfittxija. Ta’ min isemmi li d-deċiżjoni tuża t-terminu “isem”, mingħajr ma tipprovdi iktar preċiżazzjonijiet. Għalhekk jista’ jiġi konkluż li d-dritt japplika għal verżjonijiet differenti possibbli tal-isem, inklużi l-ismijiet tal-familja jew fuq ortografiji differenti wkoll.

***D. Komunikazzjoni ma’ partijiet terzi***

22. Jidher li xi magni tat-tiftix żviluppaw il-prattika b’mod sistematiku li jinfurmaw lill-utenti tal-magni tat-tiftix dwar il-fatt li xi riżultati għall-mistoqsijiet tagħhom tneħħew mil-lista bi tweġiba għat-talbiet ta’ individwu. Jekk tali informazzjoni tkun biss viżibbli fir-riżultati tat-tiftix fejn il-hyperlinks kienu fil-fatt tneħħew mil-lista, din timmina b’mod qawwi l-għan tad-deċiżjoni. Din il-prattika tista’ tiġi aċċettata biss jekk l-informazzjoni tkun offruta b’tali mod li l-utenti ma jistgħux fi kwalunkwe każ jaslu għall-konklużjoni li individwu speċifiku talab it-tneħħija minn lista ta’ riżultati li jikkonċernaw lilu jew lilha.

L-użu ta’ avviżi jew dikjarazzjonijiet għandu jsir b’mod konsistenti sabiex jipprevjeni lill-utenti milli jaslu għal suppożizzjonijiet ħżiena jew żbaljati. Minħabba d-diffikultajiet li l-ġestjoni ta’ dawn id-dikjarazzjonijiet fuq il-bażi ta’ tip speċifiku ta’ termini ta’ tiftix (jiġifieri meta l-ismijiet jiġu użati), huwa rakkomandabbli li din l-informazzjoni tiġi pprovduta permezz ta’ dikjarazzjoni ġenerali li tiddaħħal b’mod permanenti fuq is-siti web tal-magni tat-tiftix.

23. Il-maniġers tal-magni tat-tiftix ma għandhomx bħala prattika ġenerali jinformaw lil webmasters tal-paġni affettwati minn tneħħija minn lista bil-fatt li xi siti web ma jistgħux jiġu aċċessati mill-magna tat-tiftix b'tweġiba għal mistoqsijiet speċifiċi. Din il-komunikazzjoni ma għandha l-ebda bażi ġuridika skont il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta.

Kif iddikjarat qabel, hemm differenza kruċjali bejn il-bażi ġuridika għall-ipproċessar permezz ta’ magni tat-tiftix, u l-bażi ġuridika għall-ipproċessar mill-pubblikatur oriġinali. L-Artikolu 7.f iservi bħala l-bażi ġuridika għal operazzjonijiet ta’ pproċessar li huma meħtieġa għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur jew mill-parti terza jew partijiet terzi li lilhom tiġi żvelata d-dejta, ħlief meta dawn l-interessi jiġu megħluba mill-interessi għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-dejta. L-interess tal-webmasters oriġinali meta jirċievu l-komunikazzjoni huwa dubjuż minħabba għadd ta’ raġunijiet. Fuq naħa waħda, kif deskritt qabel, it-tneħħija minn lista tal-hyperlink f’riżultat ta' tiftixa twassal għal tiftix għall-isem ta’ persuna biss għandu impatt limitat. . Min-naħa l-oħra, il-webmasters oriġinali ma jistgħux jagħmlu użu effettiv tal-komunikazzjoni li jkunu rċevew, minħabba li tolqot l-operazzjoni ta’ pproċessar mwettqa mill-kontrollur li fuqha ma jkollhom ebda kontroll jew influwenza. Fil-fatt, il-magni tat-tiftix ma jirrikonoxxux dritt ġuridiku ta’ pubblikaturi li jkollhom il-kontenut tagħhom indiċjat u muri, jew li jidher f’ordni partikolari.

Fi kwalunkwe każ, dak l-interess għandu jkun ibbilanċjat mad-drittijiet, il-libertajiet u l-interessi tas- suġġetti tad-dejta affettwati.

L-ebda dispożizzjoni fil-liġi Ewropea dwar il-protezzjoni tad-dejta ma tobbliga magni tat-tiftix sabiex jikkomunikaw lill-webmasters oriġinali li r-riżultati relatati mal-kontenut tagħhom tneħħew mil-lista. Tali komunikazzjoni hija f’ħafna każijiet l-ipproċessar ta’ dejta

personali u, bħala tali, teħtieġ bażi ġuridika xierqa biex tkun leġittima. L-ebda raġuni ġuridika ma tista' tinstab fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE biex id-deċiżjonijiet ta' tneħħija minn lista jiġu kkomunikati regolarment lil kontrolluri primarji.

Min-naħa l-oħra, tista' tkun leġittima għal magni tat-tiftix li jikkuntattjaw il-pubblikaturi oriġinali, qabel kwalunkwe deċiżjoni dwar talba għal tneħħija minn lista, f'każijiet partikolarment diffiċli, meta huwa meħtieġ sabiex ikun hemm fehim aktar sħiħ dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ. F'dawk il-każijiet, il-magni tat-tiftix għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tas- suġġetti tad-dejta affettwati.

B'kont meħud tar-rwol importanti li għandhom il-magni tat-tiftix fit-tixrid u l-aċċessibbiltà ta' informazzjoni ppubblikata fuq l-internet u l-aspettattivi leġittimi li webmasters jista' jkollhom rigward l-indiċjar ta' informazzjoni u għat-turija bħala tweġiba għall-mistoqsijiet tal-utenti, il-Grupp ta' Ħidma jħeġġeġ b'qawwa lill-magni tat-tiftix biex jippubblikaw il-kriterji tagħhom ta' tneħħija minn lista, u jagħmlu disponibbli aktar statistika dettaljata.

*E. Ir-Rwol tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta*

24. Minkejja elementi ġodda tas-sentenza tal-QtĠUE, id-deċiżjoni dwar jekk ir-riżultat tat-tfittxija għandhiex titneħħa mil-lista tinvolvi – essenzjalment - valutazzjoni ta' rutina ta' jekk l-ipproċessar ta' dejta personali magħmul minn magna ta' tfittxija jikkonformax mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta. Għaldaqstant, il-Grupp ta' Ħidma jqis li lmenti mressqa mis-suġġetti tad-dejta lill-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta fir-rigward ta' ċaħdiet jew rifjuti parzjali mill-magni tat-tiftix għandhom jiġu ttrattati – safejn ikun possibbli - bħala talbiet formali kif previst fl-Artikolu 28(4) tad-Direttiva. Għaldaqstant, tali appelli għandhom normalment jiġu ttrattati mill-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom bl-istess mod bħal pretensjonijiet/ilmenti/talbiet oħra għal medjazzjoni.

25. Il-President tal-Grupp ta' Ħidma se jikkuntattja magni tat-tiftix sabiex jiġi ċċarat liema stabbiliment tal-UE għandu jiġi kkuntattjat mid-DPA kompetenti u se jagħmel ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubbliċi jekk meħtieġ.

**PARTI II: Lista ta’ kriterji komuni biex jiġu ttrattati lmenti mill-awtoritajiet Ewropej tal-protezzjoni tad-dejta**

Fid-deċiżjoni tagħha tat-13 ta’ Mejju 2014, il-QtĠUE ċċarat l-applikazzjoni tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta għal magni tat-tiftix. Hija kkonkludiet li l-utenti jkunu jistgħu jitolbu lill-magni tat-tiftix, taħt ċerti kundizzjonijiet, li jħassru ċerti links għal informazzjoni li jaffettwaw il-privatezza tagħhom mir-riżultati għal tfittxijiet li jsiru kontra isimhom. Fejn magna tat-tiftix tirrifjuta talba bħal din, is-suġġett tad-dejta jista’ jressaq il-kwistjoni quddiem id-DPA, jew lill-awtorità ġudizzjarja rilevanti, sabiex huma jwettqu l-kontrolli meħtieġa u jieħdu deċiżjoni skont is-setgħa tagħhom fil-liġi nazzjonali.

Dan jirriżulta mid-deċiżjoni tal-QtĠUE li suġġett tad-dejta jista’ “jitlob [minn magna tat-tiftix] li l-informazzjoni [li tkun marbuta miegħu personalment] ma tibqax disponibbli għall-pubbliku ġenerali fl-inklużjoni tagħha [...] f'lista ta’ riżultati”. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li “dawn id-drittijiet jipprevalu, bħala regola, mhux biss l-interessi ekonomiċi tal-operatur tal-magna tat-tiftix, iżda wkoll l-interess tal-pubbliku ġenerali li jkollu aċċess għal dik l-informazzjoni fuq tfittxija relatata mal-isem tas-suġġett tad-dejta”. Dan id-dritt huwa rikonoxxut mill-QtĠUE fid-dawl tad-drittijiet fundamentali mogħtija skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali u b’applikazzjoni tal-Artikolu 12(b) u s-subparagrafu (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46/KE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta’ eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali meta “għal raġunijiet partikolari, bħalma huwa r-rwol mis-suġġett tad-dejta fil-ħajja pubblika [...], l-interferenza ma’ [id-] [drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-dejta] hija ġġustifikata minn interess predominanti għall-pubbliku ġenerali li, minħabba [l-] inklużjoni [tal-informazzjoni] fil-lista tar-riżultati, l-aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni”.

L-ewwel analiżi tal-ilmenti riċevuti sa issa minn suġġetti tad-dejta liema talbiet għat-tneħħija minn lista ġew miċħuda permezz tal-magni tat-tiftix, ippermettiet lill-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta biex jistabbilixxu lista ta’ kriterji komuni li għandhom jiġu użati biex jevalwaw jekk il-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta tkunx ġiet imħarsa. L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se jevalwaw l-ilmenti fuq bażi ta’ każ b’każ, bl-użu tal-kriterji ta' hawn taħt.

Il-lista ta’ kriterji għandha titqies bħala għodda flessibbli tax-xogħol li se tgħin lill-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Il-kriterji se jiġu applikati f’konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jidher li aktar minn kriterju wieħed jeħtieġ li jiġi kkunsidrat sabiex tittieħed deċiżjoni. Fi kliem ieħor, l-ebda kriterju uniku ma huwa, fih innifsu, determinanti.

Kull kriterju jrid jiġi applikat fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-QtĠUE u, b’mod partikolari, fid-dawl tal-“interess tal-pubbliku ġenerali li jkollu aċċess għal [l-] informazzjoni”.

| KRITERJI | KUMMENT |
|---|---|
| **1. Ir-riżultat ta' tfittxija huwa relatat ma' persuna fiżika – jiġifieri individwu? U r-riżultat tat-tfittxija jidher wara tfittxija fuq l-isem tas-suġġett tad-dejta?** | Is-sentenza fil-kawża ta' Google rrikonoxxiet l-impatt partikolari li riċerka fuq l-internet, abbażi ta' isem ta' individwu, jista' jkollu fuq id-dritt tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata.<br><br>L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se jikkunsidraw ukoll psewdonomi u laqmijiet rilevanti bħala termini ta' tfittix meta l-individwu jista' jistabbilixxi li dawn huma marbuta mal-identità reali tiegħu/tagħha. |
| **2. Is-suġġett tad-dejta għandu rwol fil-ħajja pubblika? Is-suġġett tad-dejta huwa figura pubblika?** | Il-QtĠUE għamlet eċċezzjoni għat-talbiet ta' tneħħija minn lista minn suġġetti tad-dejta li jkollhom rwol fil-ħajja pubblika, fejn hemm interess tal-pubbliku li jkollu aċċess għal informazzjoni dwarhom. Dan il-kriterju huwa usa' mill-kriterju "persuni pubbliċi".<br><br>**X'jikkostitwixxi "rwol fil-ħajja pubblika"?**<br><br>Mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit b'ċertezza t-tip ta' rwol fil-ħajja pubblika li individwu jrid ikollu biex jiġġustifika l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwarhom permezz ta' tfittxija.<br><br>Madankollu, bħala eżempju, politikanti, uffiċjali pubbliċi għoljin, negozjanti u l-membri ta' professjonijiet (regolati) jistgħu ġeneralment jiġu kkunsidrati li jissodisfaw ir-rwol fil-ħajja pubblika. Hemm argument favur li l-pubbliku jkun jista' jfittex informazzjoni rilevanti għar-rwoli u l-attivitajiet pubbliċi tiegħu.<br><br>Regola ġenerali xierqa hija li jiġi deċiż meta l-pubbliku jkollu aċċess għall-informazzjoni partikolari – disponibbli permezz ta' tfittxija fuq l-isem tas-suġġett tad-dejta – li tipproteġih kontra kondotta professjonali jew pubblika mhux xierqa.<br><br>Huwa daqstant ieħor diffiċli li wieħed jiddefinixxi sottogrupp ta' "figuri pubbliċi". B'mod ġenerali, jista' jingħad li figuri pubbliċi huma individwi li, minħabba l-funzjonijiet/impenji |

| | |
|---|---|
| | tagħhom, għandhom livell ta' esponiment fix-xandir.<br><br>**Ir-Riżoluzzjoni 1165 (1998) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-dritt għall-privatezza jipprovdi definizzjoni possibbli ta' "figuri pubbliċi".** Din tistipula li "Figuri pubbliċi huma persuni li jokkupaw karigi pubbliċi u/jew jużaw riżorsi pubbliċi u, b'mod aktar ġenerali, dawk kollha li għandhom rwol fil-ħajja pubblika, kemm fil-politika, l-ekonomija, l-arti, is-settur soċjali, l-isport jew fi kwalunkwe qasam ieħor."<br><br>Jista' jkun hemm informazzjoni fuq figuri pubbliċi li hija ġenwinament privata u li ma għandhiex normalment tidher fir-riżultati tat-tiftix, pereżempju informazzjoni dwar is-saħħa tagħhom jew il-membri tal-familja. Iżda bħala regola, jekk l-applikanti huma figuri pubbliċi, u l-informazzjoni inkwistjoni ma tkunx tikkostitwixxi minn informazzjoni ġenwinament privata, se jkun hemm argument b'saħħtu kontra t-tneħħija minn lista ta' riżultati ta' tiftix relatati magħhom. Biex jiġi determinat il-bilanċ, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem: QEDB) hija partikolarment rilevanti.<br><br>**QEDB, *von Hannover v. il-Ġermanja (no.2)*, 2012**: "Ir-rwol jew il-funzjoni tal-persuna kkonċernata u n-natura tal-attivitajiet li huma s-suġġett tar-rapport u/jew tar-ritratt jikkostitwixxu kriterju ieħor importanti, relatat ma' dak preċedenti. F'dan ir-rigward trid issir distinzjoni bejn individwi privati u persuni li jaġixxu f'kuntest pubbliku, bħal figuri politiċi jew figuri pubbliċi. Għaldaqstant, filwaqt li individwu privat mhux magħruf għall-pubbliku jista' jitlob għal protezzjoni partikolari għad-dritt tiegħu jew tagħha għal ħajja privata, l-istess ma jgħoddx għal figuri pubbliċi (ara *Minelli v. l-Iżvizzera* (Diċ.), nru. 14991/02, 14 ta' Ġunju 2005, u *Petrenco*, iċċitatiktar 'il fuq, § 55). Hemm bżonn li ssir distinzjoni fundamentali bejn ir-rappurtar ta' fatti ta' natura li jikkontribwixxu għal dibattitu f'soċjetà demokratika, relatata ma' politiċi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom pereżempju, u d-dettalji ta' rappurtar tal-ħajja privata ta' individwu li ma jeżerċitax funzjonijiet bħal dawn (ara *Von Hannover*, iċċitat |

| | |
|---|---|
| | iktar 'il fuq, § 63, u *Standard Verlags GmbH*, iċċitat iktar 'il fuq, § 47)”[1] |
| **3. Is-suġġett tad-dejta huwa minorenni?** | Bħala regola ġenerali, jekk suġġett tad-dejta huwa legalment taħt l-età – eż. huwa jew hija għad ma għandux/ma għandhiex 18-il sena fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni – l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta huma aktar probabbli li jitolbu t-tneħħija minn lista ta’ riżultati rilevanti.<br><br>Il-kunċett ta’ “l-aħjar interessi tat-tfal”, irid jiġi kkunisdrat mill-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta. Dan il-kunċett jista' jinsab, *inter alia*, fl-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea: "Fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal iridu jingħataw kunsiderazzjoni primarja". |
| **4. Id-dejta hija preċiża?** | B’mod ġenerali, “preċiża” tfisser preċiża rigward kwistjoni ta’ fatt. Hemm differenza bejn riżultat ta' tfittxija li jirrelata għal opinjoni ta' persuna waħda dwar persuna oħra u wieħed li jidher li fih informazzjoni fattwali.<br><br>Fil-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta, il-kunċetti ta’ preċiżjoni, l-adegwatezza u l-inkompletezza huma relatati mill-qrib. L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se ikunu aktar probabbli li jqisu li tneħħija minn lista ta’ riżultati tat-tiftixa hija xierqa fejn ikun hemm nuqqas ta’ preċiżjoni fir-rigward ta’ kwistjoni ta’ fatt u fejn dan jippreżenta impressjoni mhux preċiża, inadegwata jew qarrieqa ta’ individwu. Meta s-suġġett tad-dejta joġġezzjona għal tfittxija li tirriżulta minħabba li ma tkunx preċiża, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta jistgħu jittrattaw tali talba jekk l-ilmentatur jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jistabbilixxu dejta li hija evidentement korretta. |

[1] Ara ukoll, QEDB, *Axel Springer v.il-Ġermanja*, 2012

| | |
|---|---|
| | F'każijiet fejn tilwim dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni għadu għaddej, pereżempju fil-qorti jew meta jkun hemm investigazzjoni pendenti tal-pulizija, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta jistgħu jagħżlu li ma jintervjenux sakemm il-proċess jitlesta. |
| **5. Id-dejta hija rilevanti u mhux eċċessiva?**<br>**a. Id-dejta tikkonċerna l-ħajja tax-xogħol tas-suġġett tad-dejta?**<br>**b. Ir-riżultat ta' tfittxija jorbot ma' informazzjoni li allegatament tikkostitwixxi diskors ta' mibegħda/malafama/libell jew reati simili fil-qasam ta' espressjoni fil-konfront ta' dak li għamel l-ilment?**<br>**c. Huwa ċar li d-dejta tirrifletti opinjoni personali ta' individwu jew ma tidhirx li huwa fatt verifikat?** | L-għan ewlieni ta' dawn il-kriterji huwa li jiġi vvalutat jekk l-informazzjoni li tinsab f'tiftixa tirriżulta hijiex rilevanti jew le skont l-interess tal-pubbliku ġenerali li jkollu aċċess għall-informazzjoni.<br><br>Ir-rilevanza hija marbuta mill-qrib ukoll maż-żmien tad-dejta. Skont il-fatti tal-każ, informazzjoni li ilha ppubblikata, pereżempju 15-il sena ilu, tista' tkun inqas rilevanti minn informazzjoni li ġiet ippubblikata sena ilu.<br><br>L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se jivvalutaw ir-rilevanza skont il-fatturi stabbiliti hawn taħt.<br><br>**a. Id-dejta tikkonċerna l-ħajja tax-xogħol tas-suġġett tad-dejta?**<br><br>L-ewwel distinzjoni bejn il-ħajja privata u dik professjonali trid issir minn l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta meta jeżaminaw talba għat-tneħħija minn lista.<br><br>Il-liġi dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta - b'mod aktar wiesa' huma primarjament ikkonċernati li jiżguraw ir-rispett tad-dritt fundamentali tal-individwu għall-privatezza (u għall-protezzjoni tad-dejta). Għalkemm id-dejta kollha relatata ma' persuna hija dejta personali, mhux id-dejta kollha dwar persuna hija privata. Hemm distinzjoni bażika bejn il-ħajja privata ta' persuna u l-*persona* pubblika jew professjonali tagħhom. Id-disponibbiltà tal-informazzjoni f'riżultat ta' tiftixa b'hekk issir aktar aċċettabbli meta tiżvela inqas dwar il-ħajja privata ta' persuna.<br><br>Bħala regola ġenerali, l-informazzjoni relatata mal-ħajja privata ta' individwu soġġett tad-dejta li ma għandux rwol importanti fil-ħajja pubblika għandha tiġi kkunsidrata bħala irrilevanti. |

| | |
|---|---|
| | Madankollu, figuri pubbliċi għandhom id-dritt għall-privatezza wkoll, għalkemm b'mod limitat jew f'forma modifikata.<br><br>L-informazzjoni hija aktar probabbli li tkun rilevanti jekk din tirreferi għall-ħajja tax-xogħol attwali tas-suġġett tad-dejta iżda ħafna se jiddependi fuq in-natura tas-suġġett tad-dejta tal-ħidma u l-interess leġittimu tal-pubbliku li jkollu aċċess għal din l-informazzjoni permezz ta' tfittxija f'ismu jew f'isimha.<br><br>Żewġ mistoqsijiet addizzjonali rilevanti huma:<br>- Id-dejta dwar l-attività marbuta max-xogħol ta' persuna hija eċċessiva?<br>- Is-suġġett tad-dejta għadu involut fl-istess attività professjonali?<br><br>**b. Ir-riżultat ta' tfittxija hija marbuta mal-informazzjoni li hija eċċessiva jew li allegatament tikkostitwixxi diskors ta' mibegħda/malafama/libell jew reati simili fil-qasam ta' espressjoni fil-konfront tal-ilmentatur?**<br><br>L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta ġeneralment mhumiex awtorizzati u kkwalifikati biex jittrattaw informazzjoni li x'aktarx tikkostitwixxi reat ta' "diskors" ċivili jew kriminali fil-konfront tal-ilmentatur, bħal diskors ta' mibegħda, malafama u libell. F'każijiet bħal dawn, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta x'aktarx se jirreferu s-suġġett tad-dejta lill-pulizija u/jew quddiem il-Qorti jekk talba għal tneħħija minn lista hija miċħuda. Is-sitwazzjoni tkun differenti jekk qorti ordnat li l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni huwa fil-fatt reat kriminali, jew bi ksur ta' liġijiet oħra.<br><br>Madankollu, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta jibqgħu kompetenti biex jivvalutaw jekk il-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta tkunx ġiet imħarsa.<br><br>**c. Huwa ċar li d-dejta tirrifletti opinjoni personali ta' individwu jew ma tidhirx** |

| | |
|---|---|
| | **li huwa fatt verifikat?**<br>L-istatus tal-informazzjoni miżmuma f'riżultat ta' tiftixa jista' jkun rilevanti wkoll, b'mod partikolari d-differenza bejn opinjoni personali u fatt vverifikat. L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta jirrikonoxxu li xi riżultati tat-tfittxija se jkun fihom links għal kontenut li jista' jkun parti minn kampanja personali kontra xi ħadd, li jikkonsisti f'"taħdit kritiku u akkużattiv" u forsi kummenti personali mhux pjaċevoli. Għalkemm id-disponibbiltà ta' tali informazzjoni tista' tkun offensiva u spjaċevoli, dan ma jfissirx neċessarjament li l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se jqisu li huwa meħtieġ li r-riżultat tat-tiftix rilevanti jitneħħa mil-lista. Madankollu, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta x'aktarx iqisu t-tneħħija minn lista ta' riżultati tat-tfittxija li fihom dejta li tidher li hija fatt ivverifikat iżda li tkun fattwalment mhux preċiża. |
| **6. L-informazzjoni hija sensittiva skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE?** | Bħala regola ġenerali, dejta sensittiva (definita fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE bħala "kategoriji speċjali ta' dejta") għandha impatt akbar fuq is-suġġett tad-dejta fil-ħajja privata minn dejta personali "ordinarja". Eżempju tajjeb huwa informazzjoni dwar is-saħħa tal-persuna, is-sesswalità jew it-twemmin reliġjuż. L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta probabbilment jintervjenu aktar meta talbiet għat-tneħħija minn lista huma miċħuda fir-rigward ta' riżultati tat-tfittxija li jiżvelaw din l-informazzjoni lill-pubbliku. |
| **7. Id-dejta hija aġġornata? Id-dejta qed tkun disponibbli għal żmien itwal milli jkun meħtieġ għall-iskop tal-ipproċessar?** | Bħala regola ġenerali, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se jindirizzaw dan il-fattur bl-objettiv li jiġi żgurat li l-informazzjoni li ma tkunx raġonevolment attwali u li saret mhux preċiża minħabba li hija skaduta u tkun tneħħiet mil-lista. Valutazzjoni bħal din se tiddependi fuq l-iskop oriġinali tal-ipproċessar. |
| **8. L-ipproċessar tad-dejta qed jikkawża ħsara lis-suġġett tad-** | Ma hemm l-ebda obbligu għas-suġġett tad-dejta li juru preġudizzju sabiex jitolbu tneħħija minn lista, fi kliem ieħor preġudizzju mhux kundizzjoni għall-eżerċitar tad-dritt rikonoxxut mill-QtĠ- |

| | |
|---|---|
| **dejta? Id-dejta qed ikollha impatt negattiv sproporzjonat fuq il-privatezza tas-suġġett tad-dejta?** | UE. Madankollu, fejn hemm evidenza li d-disponibbiltà ta’ riżultat ta' tfittxija jikkawża preġudizzju għas-suġġett tad-dejta, dan ikun fattur b’saħħtu favur it-tneħħija minn lista.[2]<br><br>Id-Direttiva 95/46/KE tippermetti lis-suġġett tad-dejta biex joġġezzjona fejn hemm raġunijiet leġittimi b'saħħithom biex jagħmel hekk. Fejn hemm oġġezzjoni ġustifikata, il-kontrollur tad-dejta irid jieqaf milli jipproċessa d-dejta personali.<br><br>Id-dejta jista’ jkollha impatt negattiv sproporzjonat fuq is-suġġett tad-dejta fejn riżultat ta' tfittxija huwa relatat ma’ reati trivjali jew ta' nuqqas ta' għaqal li ma għadhomx – jew jista’ jkun li qatt ma kienu – is-suġġett ta’ dibattitu pubbliku u fejn ma hemm l-ebda interess pubbliku usa’ fid-disponibbiltà tal-informazzjoni. |
| **9. Ir-riżultat ta’ tfittxija huwa marbut ma'informazzjoni li tpoġġi s-suġġett tad-dejta f’riskju?** | L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se jirrikonoxxu li d-disponibbiltà ta’ ċerta informazzjoni permezz ta’ tfittxija bl-internet tista’ tħalli suġġetti tad-dejta miftuħa għal riskji, bħalma huma pereżempju s-serq tal-identità jew insegwiment malizzjuż. F’każijiet bħal dawn, fejn ir-riskju huwa sustantiv, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta probabbli jikkunsidraw li t-tneħħija minn lista ta’ riżultat ta' tfittxija tirriżulta xierqa. |
| **10. F’liema kuntest kienet ippubblikata l-informazzjoni?**<br>**a. Il-kontenut sar pubbliku b'mod volontarju mis-suġġett tad-dejta?**<br>**b. Il-kontenut kien maħsub biex isir pubbliku? Is-** | Jekk l-unika bażi ġuridika għal dejta personali li tkun disponibbli fuq l-internet huwa l-kunsens, iżda l-individwu mbagħad jirrevoka l-kunsens tiegħu jew tagħha, l-attività ta’ pproċessar – jiġifieri l-pubblikazzjoni – se tkun nieqsa minn bażi ġuridika u għalhekk trid titneħħa.<br><br>Meta tkun qed tivvaluta t-talbiet, id-DPA se tikkunsidra jekk il-link għandux jitneħħa mil-lista anki meta l-isem jew l-informazzjoni ma jiġux imħassra minn qabel jew simultanjament mis-sors oriġinali. |

[2]QtĠ-UE, Google Spain SL, Google Inc. vs Agencia Española de Protección de Datos (AEPD), Mario Costeja González, it-13 ta’ Mejju 2014, § 96, **“irid jiġi enfasizzat li mhuwiex neċessarju sabiex tinstab tali dritt li l-inklużjoni tal-informazzjoni inkwistjoni fil-lista tar-riżultati tikkawża ħsara lis-suġġett tad-dejta.”**

| | |
|---|---|
| **suġġett tad-dejta seta' jkun mgħarraf b'mod raġnevoli li l-kontenut se ikun disponibbli għall-pubbliku?** | B'mod partikolari, jekk is-suġġett tad-dejta ta l-kunsens tiegħu għall-pubblikazzjoni oriġinali, iżda aktar tard, ma jkunx jista' jirrevoka l-kunsens tiegħu jew tagħha, u t-talba għal tneħħija minn lista tiġi rifjutata, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta għandhom ġeneralment jikkunsidraw li t-tneħħija mil-lista ta' riżultati tat-tiftixa hija xierqa. |
| **11. Il-kontenut oriġinali kien ippubblikat fil-kuntest ta' għanijiet ġurnalistiċi?** | L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta jirrikonoxxu li skont il-kuntest, jista' jkun rilevanti li jiġi eżaminat jekk l-informazzjoni tkunx ippubblikata għal skop ġurnalistiku. Il-fatt li l-informazzjoni hija ppubblikata minn ġurnalist li xogħlu huwa li jinforma l- pubbliku huwa fattur li għandu jitqies b'mod globali. Madankollu, dan il-kriterju waħdu ma jipprovdix bażi suffiċjenti għal ċaħda ta' talba, peress li d-deċiżjoni tiddistingwi b'mod ċar bejn il-bażi ġuridika għall-pubblikazzjoni mill-midja, u l-bażi ġurdika għal magni tat-tiftix li jorganizzaw riżultati ta' riċerka bbażata fuq l-isem ta' persuna. |
| **12. Il-pubblikatur tad-dejta għandu setgħa ġuridika – jew obbligu ġuridiku – li jagħmel id-dejta personali disponibbli pubblikament?** | Xi awtoritajiet pubbliċi huma taħt obbligu ġuridiku li jagħmlu ċerta informazzjoni dwar individwi pubblikament disponibbli – pereżempju għal skopijiet ta' reġistrazzjoni elettorali. Dan ivarja skont il-liġi tal-Istati Membri u d-drawwa. Fejn dan huwa l-każ, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta ma jistgħux jikkunsidraw din it-tneħħija minn lista bħala xierqa filwaqt li l-obbligu fuq l-awtorità pubblika li tagħmel l-informazzjoni disponibbli pubblikament tippersisti. Madankollu, dan se jeħtieġ li jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ, flimkien mal-kriterji ta' "skadenza" u ta' irrilevanza.<br><br>L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta jistgħu jqisu t-tneħħija minn lista bħala xierqa anki jekk ikun hemm obbligu ġuridiku li jagħmlu kontenut disponibbli fuq is-sit web oriġinali. |
| **13. Id-dejta hija relatata ma' reat kriminali?** | L-Istati Membri tal-UE jistgħu jkollhom approċċi differenti rigward id-disponibbiltà pubblika ta' informazzjoni dwar l-awturi tar-reati u tar-reati tagħhom. Jistgħu jeżistu dispożizzjonijiet ġuridiċi speċifiċi li għandhom impatt fuq id-disponibbiltà ta' din l-informazzjoni matul iż-żmien. L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta se jittrattaw dawn il-każijiet f'konformità mal-prinċipji |

| | |
|---|---|
| | u l-approċċi nazzjonali rilevanti. Bħala regola, l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta probabbilment aktar iqisu tneħħija minn lista ta' riżultati ta' tiftix relatati ma' offiżi relattivament minuri li seħħew ħafna żmien ilu, filwaqt li huwa inqas probabbli li jikkunsidraw it-tneħħija minn lista tar-riżultati li għandhom x'jaqsmu ma' problemi iktar serji li seħħew dan l-aħħar. Madankollu, dawn il-kwistjonijiet jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u se jiġu ttrattati fuq bażi ta' każ b'każ. |